MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' April, 2010

Talba Numru. 298/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**

**Vs**

**Dorianne Borg ID-174083M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Frar 2010 fejn intalab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €428.56c (erba' mija tmienja u ghoxrin ewro u sitta u hamsin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut in konnessjoni ma servizzi rezi fuq Client contract number 420378 ghax-xhur bejn is-sena 2007 u 2009;

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 31 ta' Ottubru 2009 u ta' mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma dana l-att u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra illi ghalkemm il-konvenuta kienet giet debitament notifikata, b'dawn il-proceduri, hija baqghet ma deheritx u ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ra wkoll illi ghalkemm debitament imsejha biex tidher ghas-seduta tat-23 ta Marzu 2010 hija naqset li taghmel dan;

Ra li wkoll li l-konvenuta baqghet ma wegbitx u anqas ma dehret ghal mistoqsijiet impoggija lilha in subizzjoni la fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2010 meta gie prezentat il-kapitolu relattiv u anqas ghas-seduta tallum u ghalhekk dawn ghandhom jigu kkunsidrati bhala debitament mistqarra mill-istess konvenuta.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-istess socjeta attrici s-somma mitluba ta' €428.56c (erba' mija tmienja u ghoxrin ewro u sitta u hamsin centezmu) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza kif rikjesti a kariku tal-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------